MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2011

Numru. 448/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**

vs

**Emanuel Gauci**
**Rennie Cutajar**

**Kumpilazzjoni Numru 448/2011**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Rennie Cutajar**, ta’ 21 sena, iben John u Mary imwielda Carabott, residenti gewwa 4, Shik, Flat 16, Triq Sant’

Anna, Marsaskala imwieled Pieta’ fit-2 ta’ Marzu 1990, u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru 164190(M); u

**Emmanuel Gauci**, ta’ 37 sena, iben Rita Gauci, imwieled Rabat, Ghawdex fit-16 ta’ Novembru 1973, residenti gewwa Vinnie’s Apts, Flt 4, Triq Giovanni Schranz Msida u detentur ta’ karta ta’ l-identita numru 23273(G)

Akkuzati talli fit-12 ta’ Frar 2011 u fil-gimghat ta’ qabel, gewwa l-Imsida u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, b`diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda;

1. B’eghmil zieni kkorrompew lill-Omissis, minuri ta’ 15-il sena;
2. Ikkommettew attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta’ l-istess minuri Omissis;
3. Ippartecipaw f’attivitajiet sesswali ma’ l-istess minuri Omissis.

Lil **Rennie Cutajar** wahdu talli kiser il-provediment ta’ l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta datata 28 ta’ Frar, 2010.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Omissis u persuni ohra, u minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta’ Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti giet mitluba wkoll flimkien mal-hrug ta’ ordni ta’ protezzjoni tohrog ordni ta’ trattament li jkun mehtieg fil-konfront ta’ l-imputati Emanuel Gauci u Rennie Cutajar u dan ai terminu tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali.

Rat l-artikoli 18, 203, 204C u 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghom qed jinstabu hatja l-imputati u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta'l-imputati mal-pulizija, l-ammissjoni taghhom f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u anke l-fedina penali taghhom.

Illi in oltre l-Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi li wasslu ghat-twettieq ta' dawn ir-reati, kif ukoll il-fatt li skond id-dikjarazzjoni ta' Omissis jidher li huwa akkonsenta ghall-atti sesswali li huwa kien partecipi fihom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 203, 204C u 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggihom taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz li l-imputati jkunu taht ordni ta' trattament kif specifikat f'l-ordni tal-probation. In oltre biex tipprovdi ghall-protezzjoni ta' Omissis l-Qorti qed tordna l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni fil-konfront taz-zewg imputati ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet specifikati f'l-artikolu 412C(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti b'applikazzjoni ta'l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed taghzel li ma titrattax ma'l-imputat

Rennie Cutajar ghar-reati li taghhom instab hati fit-28 ta' Frar 2010 b'mod li l-ordni ta' probation mghoti dak in-nhar ghadnu jibqa fis-sehh.

Il-Qorti, in vista tal-fatt li wahda mill-kundizzjonijiet ta'l-ordni ta' protezzjoni hija li l-imputati ma avvicinawx u ma jiffrekwentawx l-istess postijiet li jiffrekwenta Omissis u in vista tal-fatt li kemm l-imputat Rennie Cutajar kif ukoll Omissis jippartecipaw fil-programm Embark for Life, qeghda tirrakkomanda lid-dirigenti tal-programm Embark For Life u/jew l-Agenzija Appogg biex jaghmlu dawk l-arrangamenti kollha possibli biex jigi assigurat l-osservanza tal-htigijiet ta'l-ordni ta' protezzjoni.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' din  is-sentenza lid-Diorettur ta'l-Ufficcju tal-Probation u lill-Agenzija Appogg.

In konkluzzjoni l-Qorti tordna d-diviet tal-publikazzjoni fi kwlunkwe mezz tax-xandir u/jew komunikazzjoni ta' l-isem ta' Omissis.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------